MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-23 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 288/2004

**Rikors konguntiv ta’ George u Concetta sive Connie konjugi Alfino u tal-Avukat Dottor John Cremona fil-kapacita’ tieghu ta’ mandatarju specjali ta’ l-assenti Patrick u Richard Burton in forza tal-prokura specjali annessa u mmarkata Dok X ai termini ta’ l-artikolu 325 sub–inciz 4 ta’ l-Att Dwar il- Kumpanniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta’ Malta)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors mghamul ai termini ta’ l-artikolu 325 sub-inciz 4 ta’ l- Att Dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta’ Malta) fejn ir-rikorrenti ppremettew :-

Illi Casa Restore Ltd (gja’ Casa Melita Ltd) li ghandha n-numru ta’ registrazzjoni C–1338, u li ghandha l-ufficju

taghha sitwat 3, Triq V Dimech, Floriana, kienet giet kostitwita fil-14 ta’ Dicembru, 1968, minn Basil Burton ta’ nazjonalita’ Ingliza, illum mejjet, kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt tieghu anness u mmarkat Dok A;

Illi Basil Burton wirtuh uliedu, Patrick u Richard Burton, ukoll ta’ nazjonalita’ ingliza;

Illi d-diretturi ta’ l- istess kumannija huma llum l-imsemmijin George Alfino u Patrick Burton li kien gie appuntat fl-1 ta’ Dicembru, 1972, minflok Christabel Mary Harmsworth Bielenberg li kienet irrizenjat fl-istess data, wara li John Diacono rrizenja wkoll fl- 24 ta’ Ottubru, 1989;

Illi l-imsemmija kumpannija in kwistjoni thassret mir-Registru ai termini tad-disposizzjonijiet imsemmija tal-Ligi stante illi kienet inattiva ghal zmien twil;

Illi jidher li din l-inattivita’ tal-kumpannija ma kinitx rizultat ta’ xi atteggjament ta’ non–kuranza jew nuqqas ta’ osservanza tar- regolamenti izda esklussivament kawza ta’ nuqqas ta’ ftehim bejn id-diretturi kif jirrizulta mill-affidavits imsemmija taghhom annessi u mmarkati bhala Dok C, D u E;

Illi, infatti, jirrizulta li Patrick Burton ma kienx konxju tal-fatt li kien gie appuntat direttur u difatti lanqas biss kien jaf dwar l- esistenza tal-kumpannija mentri George Alfino u John Diacono, sforz ta’ malintiz bejniethom dwar il-kompetenzi rispettivi taghhom, baqghu inavvertitament ma adixxewx ghall-obbligi legali tal-kumpannija bir-rizultat li l-istess kumpannija baqghat m’ onoratx l-obbligi legali taghha;

Illi l-istess artikolu 325(2) jipprovdi illi f’kaz meta kumpannija tithassar minn fuq ir-Registru l-attiv ta’ l-istess kumpannija jghaddi f’ idejn il-Gvern;

Illi jirrizulta li Casa Restore Limited kienet in forza ta’ kuntratt notarili datat 23 ta’ Dicembru 1968, fl- atti tan-Nutar Dr Francis Micallef, akkwistat dar ossija *terraced*

*house* f' 179, Main Street, Mosta kif jirrizulta mill-kuntratt pubbliku anness u mmarkat Dok F;

Illi effettivament din id-dar hija r-residenza ordinarja u unika tar- rikkorrenti li ilhom joqghodu fl-istess dar ghall-madwar tnejn u tletin sena kif jirrizulta mill-affidavit anness ta' George Alfino mmarkat bhala Dok C;

Illi attwalment ir-rikorrenti ghadhom joqghodu fl-istess dar il- Mosta flimkien ma' binhom Saviour ta' 27 sena;

Illi l-imsemmi arrangament verbali mal-familja Alfino sar minn Patrick u Richard Burton fil-bidu tas- snin 70 fuq bazi ta' hbiberija li kienet tezisti bejn l-imsemmi George Alfino u Basil Burton kif jirrizulta mill-affidavit ta' Patrick Burton hawn anness u mmarkat Dok E;

Illi r-rikorrenti ghandhom interess car li l- isem tal-kumpannija in kwistjoni jerga' jiddahhal fir-Registru tal-Kumpanniji stante illi jekk l-attiv tal-kumpannija jirriverti f'idejn il-Gvern l-istess rikorrenti li llum it-tnejn li huma ghandhom aktar minn sittin sena jistghu jispiccaw minghajr dar ta' abitazzjoni;

Illi bl-istess mod, l-imsemmijin Patrick u Richard Burton, ukoll ghandhom interess car li l-imsemmija kumpannija terga' tiddahhal fir-Registru statne illi hemm il-perikolu li jitilfu assi immobiljari li jikkostitwixxi parti mill-wirt ta' missierhom;

Illi ghaldaqstant, jigi sottomess bir-rispett li huwa xieraq li l- kumpannija in kwistjoni terga' tiddahhal fir-Registru ai termini ta' l-artikolu 325(4) tal-Kap 386 tal- Ligijiet ta' Malta;

Ghalhekk ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti:

Tordna li l-isem tal-kumpannija Casa Restore Limited jerga' jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji ai termini ta' l-artikolu 325 sub – inciz 4 ta' l- Att dwar il- Kumpanniji u

dan taht dawk il- provvedimenti u direzzjonijiet ohra li talvolta dina l-Qorti joghgobha timponi; u

Taghti kull provvediment iehor opportun u necessarju ghal dan l- iskop;

Rat l-affidavit tar-rikorrenti George Alfino u Patrick Burton;

Rat l-afidavit ta’ John Diacono presentat mir-rikorenti;

Rat in-nota tar-Registratur tal-Kumpaniji fejn gie sottomess:

Illi, kif provvdut fl-artikolu 325 tal-Att ta’ l-1995 dwar il-Kumpanniji, meta r- Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb li kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, ir- Registratur jista jikteb lil kumpannija fl-ufficju registrat taghha biex jistaqsi jekk il-kumpannija tkunx qed topera;

Illi jekk r-Registratur jircievi twegiba li tikkonferma li kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jircevix risposta fi zmien xahar minn meta jkun baghat l-ittra, ir-Registratur jista jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-gvern u f’ gazzetta li tohrog kuljum li, f’eghluq tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni, l-isem tal-kumpannija ghandu jithassar fuq ir- registru u kull attiv jghaddi f’isem il- Gvern ta’ Malta;

Illi permezz ta’ ittra datata 16 ta’ Awissu 2001 (hawn annessa u mmarkata Dok ‘A’) ir-rikorrent George Alfino gie mgharraf mill- esponenti li l-kumpannija Casa Restore Ltd  (C-1338) kienet ser tithassar minn fuq ir- registru, kemm il-darba ma tintwerix raguni biex issir il-kuntrarju jew ir-Registratur ikun soddisfatt li hemm ragunijiet bizzejjed biex issir il- kuntrarju.  Dan ir- rikorrent baqa’ qatt ma rrisponda din l- ittra;

Illi ittra simili ( hawn annessi u mmarkati bhala Dok ‘B‘ u ‘C‘ ) ntbaghtu fl- istess data lill- ufficju registrat tal-kumpannija in kwistjoni, u lil Patrick Burton izda dawn l-ittri gew lura bil- kumment *‘not known*’;

Ittra ulterjuri (hawn annessa u mmarkata bhala Dok ‘D’) ntbaghtet lid-direttur in kwistjoni fl-ufficju registrat tal-kumpannija fl-14 ta’ Jannar 2002. F’din l-ittra, r-Registratur kien avza li l-kumpannija in kwistjoni ser titnehha mir-Registru tal-Kumpaniji u l-attiv tal-kumpannija kellu jghaddi f’idejn il-Gvern ta’ Malta;

Illi fic-cirkostanzi l-esponenti seta’ biss, ai termini ta’ l-artikolu 325(2) ta’ l-Att dwar il-Kumpanniji, fid-29 ta’ Jannar 2002 jippubblika fil-Gazzetta tal-Gvern li tliet xhur wara dik id-data l- kumpannija in kwistjoni kienet ser titnehha minn fuq ir-registru;

Illi r-rikorrenti kellhom bizzejjed zmien f’dawn it-tlett xhur biex jinformaw lil Registratur tal-Kumpaniji li hemm ragunijiet bizzejjed biex il-kumpanija in kwistjoni ma titnehhiex minn fuq ir- registru izda ir-rikorrenti baqaw qatt ma rrispondew l-ittri li ntbaghtu;

Illi fit-23 ta’ April 2004 ir-rikorenti fil-proceduri odjerni pprezentaw rikors sabiex il-kumpannija in kwistjoni terga’ tiddahhal fir- Registru tal- Kumpaniji;

Illi nonostante s-suespost, perezz li hemm proprjeta’ immobbli li kienet assi tal-kumpannija in kwistjoni, l-esponenti qed jaddotta linja fejn ma jikkontestax it-talba mressqa mir-rikorrenti li l-isem tal-kumpannija terga tiddahhal fir-registru jekk ikun iddeterminat minn dina l-Onorabbli Qorti li hemm ragunijiet validi sabiex isir hekk;

Illi pero l-esponenti Registratur tal-Kumpanniji jixtieq jaghmel rakkomandazzjoni lil din l-Onorabbli Qorti illi jekk l-isem tal- kumpannija se jerga jidahhal fir-registru tal-kumpanniji fis- sentenza jigu indikati certi parametri u restrizzjonijiet generali sabiex jirrizulta car :-

Illi, jekk ir-rikorrenti ghandhom intenzzjoni ihallu il-kumpannija in kwistjoni fuq ir-registru, din il-kumpannija ghanda tirregoralizza l- posizzjoni taghha immedjatament fejn ghandu x’jaqsam l-Att ta’ 1995 dwar il- Kumpanniji billi thallas l-penalitajiet kollha dovuti lir- Registratur tal-Kumpanniji;

Illi, jekk ir-rikorrenti jridu li jsir ix-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali tal-kumpannija u l-hatra ta’ stralcarju biex jara x’ attiv u obbligazzjonijiet ghandha l-kumpannija, ghall-iskop li tigi assikurata certezza fl-istatus tal-kumpannija in kwistjoni, u sabiex l-affarijiet ma jiehdux fit-tul aktar milli hu necessarju, l-esponenti Registratur tal-Kumpanniji jissugerixxi li jigi stabilit perjodu specifiku ta’ zmien li fih ghandhom jitwettqu l-passi kollha mehtiega da parti tar-rikorrenti sabiex ixxolju l-kumpannija skond il-proveddimenti tal-Att ta’ 1995 dwar il- Kumpannija fejn ghandu x’ jaqsam xoljiment u stralc ta’ kumpannija;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Ir-rikorrenti jippremettu li s-socjeta Casa Restore Ltd (gja’ Casa Melita Ltd) bin-numru ta’ registrazzjoni C-1338, u li ghandha l-ufficju taghha sitwat 3, Triq V Dimech, Floriana, kienet giet kostitwita fil-14 ta’ Dicembru, 1968, minn certu Basil Burton, illum mejjet. L-eredi tal-imsemmi Basil Burton kienu uliedu ir-rikorrenti Patrick u Richard Burton. Ir-rikorrenti jippremettu li s-socjeta imsemmija thassret mir-Registru tas-Socjetajiet mill-istess Registratur tas-Socjetajiet u dana skond il-ligi peress li s-socjeta kienet inattiva ghal zmien twil. Din l-inattivita’ kienet principalment dovuta ghal diversi malintizi;

Ir-rikorrenti jkomplu jissottomettu li l-artikolu 325(2) jipprovdi li meta kumpannija tithassar mir-Registru, l-attiv kollu taghha jghaddi f’idejn il-Gvern. Ir-rikorrenti jippremettu ukoll li s-socjeta in kwestjoni ghandha dar fil-Mosta, liema dar ila zmien twil ir-residenza ordinarja u unika tar-rikkorrenti konjugi Alfino. In effett ir-rikorrenti Patrick u Richard ahwa Burton fil-bidu tas-snin 70 minhabba l-hbiberija li kien hemm mal-konjugi Alfino verbalment kienu qabblu li l-istess konjugi Alfino setghu jghixu fl-imsemmija dar. Jissottomettu ukoll li huma ghandhom interess li s-socjeta in kwestjoni terga tiddahhal fir-Registru u dana peress li r-rikorrenti konjugi Alfino jistghu jispiccaw minghajr dar ta’ abitazzjoni u peress li r-rikorrenti l-ohra ahwa Burton jistghu jitilfu parti mill-assi immobiljari mill-wirt ta’ missierhom. Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitolbu li jigi ordnat li s-socjeta in kwestjoni terga tiddahhal fir-Registru tal-Kumpaniji ai termini ta’ l-artikolu 325(4) ta’ l-Att dwar il-Kumpanniji u dan taht kull provvediment li jista jkun opportun;

Fin-nota tieghu r-Registratur tal-Kumpaniji issottometta li s-socjeta kummercjali thassret minn fuq ir-Registru tas-Socjetajiet skond dak li jiddisponu il-provedimenti rilevanti tal-ligi. Huwa inoltre jissottometti li f’dan ir-rigward gew segwiti l-proceduri u d-dettami kollha li trid il-ligi. Minhabba f’hekk u skond il-provedimenti ta’ l-artikolu 325(2) ta’ l-Att dwar il-Kumpanniji, l-isem tas-socjeta in kwestjoni gie mhassar mir-Registru tas-Socjetajiet;

Inoltre r-Registrsatur tal-Kumpaniji ssottometa li peress li s-socjeta in kwestjoni kellha assi konsistenti fi proprjeta’ immobbli huwa mhux qed jikkontesta it-talba tar-rikorrenti f’kaz li jirrizultaw ragunijiet validi sabiex il-kumpanija terga titqieghed fir-Registru tas-Socjetajiet;

F’dan ir-rigward ir-Registratur tal-Kumpanniji ssuggerixxa li f’kaz li jigu akkolti t-talbiet tar-rikorrenti, jigu indikati ukoll certi parametri u restrizzjonijiet u cioe’ is-socjeta in kwestjoni ghanda tirregoralizza l-posizzjoni taghha billi

thallas l-penalitajiet kollha dovuti lir- Registratur tal-Kumpanniji. Inoltre jekk ser isir ix-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali tal-kumpannija ghandu jigi stabilit perjodu specifiku ta' zmien li fih ghandhom jitwettqu dawk il-proceduri kollha mehtiega ghax-xoljiment tal-kumpannija skond il-ligi;

Mill-provi kollha prodoti inkluzi l-affidavits li gew esibiti jirrizulta li l-kumpannija in kwistjoni thassret mir-Registru tas-Socjetajiet skond dak li tiddisponi l-ligi rilevanti stante illi kienet inattiva ghal zmien twil. Jirrizulta ukoll li din l-inattivita' kienet dovuta ghal diversi cirkostanzi li fuqhom dawk interessati ma kellhom ebda kontroll u dan wassal biex kien hemm nuqqas ta' ftehim bejn dawk kollha koncernati. Il-fatt li s-sidien tas-socjeta joqodu barra minn Malta kkontribwixxa mhux ftit ghall-istat li sabet ruhha fih l-istess socjeta. Jidher li in effett ir-rikorrenti Patrick Burton ma kienx konxju li huwa hafna zmien ilu kien gie appuntat direttur u jidher li l-istess rikorrenti lanqas biss kien jaf bl-esistenza tal-istess kumpanija. Kien hemm ukoll malintiz bejn id-diretturi maltin dwar il-kompetenzi rispettivi taghhom. Wiehed kien qed jahseb li l-iehor kien qed jiehu hsieb jghamel dak li hu rikjest mill-ligi, mentri ma kienx hekk.  Jirrizulta ukoll sufficjentement pruvat l-interess tar-rikorrenti kollha li l-kumpanija terga titpogga fir-Registru tas-Socjetajiet;

Jidher li l-intenzjoni tar-rikorrenti hi li l-proprjeta immobljari tinbiegh u wara s-socjeta in kwestjoni tigi stralcjata. Ir-rikorrenti jaccettaw ukoll li ghandhom jithallsu l-multi u penalitajiet  kollha dovuti lill-awtoritajiet kompetenti skond il-ligi;

Minn dana kollu jiriizulta li hemm ragunijiet validi ghala l-kumpanija ghandha terga titqieghed fir-Registru u dana ghandu isir taht certi kundizzjoni.u cioe s-socjeta in kwestjoni ghandha tirregoralizza l-posizzjoni taghha billi thallas l-penalitajiet kollha dovuti lir-Registratur tal-Kumpanniji. Inoltre l-proprjeta immobiljari in kwestjoni ghanda tinbiegh sa zmien sentejn millum. F'kaz li ma jnstabx bejgh tal-immobbli in kwestjoni fiz-zmien imsemmi l-kumpanija ghandha fi kwalumkwe kas tigi xjolta u

stralcjata skond il-ligi. Dawn l-arrangamenti m'ghandhomx jiddisturbaw it-tgawdija tal-immobbli da parti tar-rikorrenti konjugi Alfino u dana sakhemm jkunu hekk iridu r-rikorrenti l-ohra l-ahwa Burton;

Qed issir referenza ghas-segwenti decizjonijie u cioe' d-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta (Imhallef Geoffrey Valenzia) tat-2 ta' Frar 2007 wara r-rikors konguntiv ta' George u Mariucca konjugi Muscat; "Abela nomine et vs Cachia et" – Prim'Awla - 20 ta' Marzu 2000; "Mayflower Co. Ltd et vs Registratur tas-Socjeajiet" deciza mill-Prim'Awla fit-22 ta' Jannar 1999; "Migdol Insurance Co. Ltd vs Paul Mizzi nomine" deciza mill-Prim'Awla fit-18 ta' Mejju 2001 u "Dr. Louis Cassar Pullicino vs Reg. tas-Socjetajiet et" deciza mill-Prim'Awla fl-24 ta' Jannar 2006;

In vista ta' dak kollu li gie premess it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tordna li l-isem tal-kumpannija Casa Restore Limited jerga' jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji ai termini ta' l-artikolu 325(4) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji b'dan illi fi zmien tlett xhur millum is-socjeta in kwestjoni ghandha tirregoralizza l-posizzjoni taghha billi thallas l-penalitajiet kollha dovuti lir-Registratur tal-Kumpanniji. Is-socjeta in kwestjoni qed terga titpogga fir-Registru tas-Socjetatjiet ghall-unika raguni sabiex tinbiegh il-proprjeta immobiljari in kwestjoni u dana sa zmien improrogabbli ta' sentejn millum. F'kaz li ma jnstabx il-bejgh tal-immobbli in kwestjoni fiz-zmien imsemmi l-kumpanija ghandha fi kwalumkwe kas tigi xjolta u stralcjata skond il-ligi;

Spejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------